# **Il-Mirkeb tax-Xemx**

minn Renè Monseigneur

Waħdu fir-riħ tax-xejn safa mxejjen.
Il-ħolm ħelu tal-ħerba hi l-ħarba,
raġġ ta' dawl għama l-Ikarus imsejken,
f'labirint tal-minotawru l-karba.

Imjassar fl-arti u fl-isbuħija jfuħu.
Tal-għatx mera taż-żogħżija l-ħtija,
f'rifless mċarċar, Narċisju tilef ruħu,
ċaħda ta' Eku tal-fjur l-isbuħija.

Għajjien jitħeddel wara l-għerf mnawwar,
fuq żiemel rebaħ t-telfien b'qerq tal-ħsieb,
Ulisse vittma t'Erkole l-kolonnat.

B'ambizzjoni u kilba l-qalb tfawwar,
ilma le l-magħmudija imma t'Inferi l-bieb.
Tinsiex! Il-mirkeb tax-xemx hu biss għall-allat.